# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR VINCENT DEGAETANO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 2**

**Cit. Nru. 504/88 MB**

**Pantaleone Vella u b'digriet ta' l-14 ta' Gunju, 2000, stante l-mewt ta' Pantaleone Vella fil-mori tal-kawza, l-atti gew trasfuzi f'isem uliedu, Dottor Joseph, l-ispizjara Anna mart it-Tabib Raymond Fenech, il-Perit Godfrey, Mark, Tabib Denis u l-Avukat Robert ahwa Vella- Baldacchino, Frederick, Maria Therese mart Frank Fenech, Arthur u l-Avukat Louis ahwa Vella, l-imsemmi Frank Fenech bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u martu, l-imsemmi Frederick Vella bhala mandatarju ta' l-assenti ohtu Matilde mart Walter Simler u ta' l-istess Walter Simler ghal kull interess li jista' jkollu, u l-imsemmi Avukat Dottor Louis Vella bhala mandatarju ta' l-assenti Josephine mart Sidney Cass u ta' l-istess Sidney Cass ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Michael Savona u b'digriet ta' l-14 ta' Dicembru, 1988 gie kjamat fil-kawza t-Tabib Dr. Charles Savona Ventura.**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

B'sentenza ta' l-4 ta' Lulju, 1989, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha kkundannat lill-kjamat in kawza, it-Tabib Dr. Charles Savona Ventura li jhallas lill-atturi ammont ta' kumpens skond kif minnhom mitlub fl-att tac-citazzjoni.

> "L-att tac-citazzjoni jghid hekk:-
>
> "Peress illi l-awturi proprio et nomine (kwantu ghan-nofs indiviz) u l-awtur taghhom (kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor) Joseph Vella (li miet fl-1978) kienu kkoncedew lill-konvenut, permezz ta' l-att pubbliku tad-9 ta' Jannar, 1967 (Dok. A), il-fond 15 The Strand, Kalkara, b'enfitewsi temporanja ghall-perjodu ta' sbatax (17) il-sena, bic-cans ta' hamsin lira (LM 50) fis-sena;
>
> Peress illi l-imsemmija koncessjoni enfitewtika skadiet fid-9 ta' Jannar 1984 izda l-fond in kwistjoni baqa' jigi okkupat mill-familjari tal-konvenut filwaqt li l-konvenut, xi snin qabel, kien mar joqghod band'ohra;
>
> Peress illi l-imsemmija familjari tal-konvenut ma' kellhom ebda titolu legali ghall-fond in kwistjoni peress li fil-21 ta' Gunju 1979 kien il-konvenut li kien qed jokkupa l-fond in kwistjoni bhala residenza ordinarja tieghu, u ghalhekk l-atturi qatt ma' rcevew kera minghand l-istess familjari;
>
> Peress illi l-atturi, b'dana kollu, ma' setghu jaghmlu xejn biex jiehdu lura l-fond in kwistjoni ghaliex id-Dipartiment tad-Djar fir-23 ta' Awissu 1983 kien hareg ordni ta' rekwizizzjoni (numru 10422) fuq l-istess fond (Dok. B);
>
> Peress illi fl-1987 l-istess Dipartiment tad-Djar zgombra lill-imsemmija familjari tal-konvenut mill-fond in kwistjoni u allokah ghall-ewwel darba lill haddiehor;

Peress illi l-atturi ghal xejn interpellaw lill-konvenut bl-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 1988 biex ihallashom il-kumpens dovut ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni minn meta skada c-cens sakemm sar l-izgumbrament mid-Dipartiment tad-Djar, bir-rata ta' mitt lira (LM 100) fis-sena, ossija d-doppju tac-cens originali a tenur ta' l-artiklu 10B (1) tal-Ordinanza XIX tal-1959;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi, il-kumpens ossija danni dovuti lill-atturi proprio et nomine ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni mill-konvenut jew familjari tieghu minn meta skada c-cens sakemm il-fond gie allokat mid-Dipartiment tad-Djar;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi proprio et nomine is-somma hekk likwidata.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 1988, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut eccepixxa illi (i) huwa ma' kienx jokkupa il-fond meta skada c-cens u allura m'ghandux jhallas ebda kumpens ghall-okkupazzjoni; (ii) gjaladarba l-eccipjent ma' kellu ebda dritt li jkompli jokkupa l-fond fit-terminazzjoni ta' l-enfitewta b'titolu ta' lokazzjoni taht il-provvediment tal-artikolu 10B(1) tal-Ordinanza XIX tal-1959, l-atturi qatt ma' jistghu jippretendu hlas ta' l-okkupazzjoni bil-komputagg previst fl-imsemmi artiklu izda semmai bl-istess ammont iffissat bhala cens u kwindi din il-Qorti hija inkompetenti "rationae valoris" (iii) kull hlas dovut lill-atturi gie minnhom accettat sal-24 ta' Novembru 1983 u mit-23 ta' Mejju 1984 sat-22 ta' Mejju 1986, l-ammonti gew depozitati il-Qorti mill-attwali okkupant.

Fuq talba ta' l-atturi, fl-14 ta' Dicembru 1988 gie kjamat fil-kawza, it-Tabib Dr. Charles Savona Ventura li eccepixxa: 1. l-inkompeteza tal-Qorti "rationae valoris"; 2. Illi l-ammont minn meta skada c-cens sat-22 ta' Mejju 1984 gie mhallas; 3. Illi ghall-perjodu mit-23 ta' Mejju 1984 sat-22 ta' Mejju 1986 l-ammonti dovuti gew depozitati l-Qorti wara r-rifjut tal-atturi; 4. Illi m'ghandux jbati spejjez ghaliex huwa qatt ma' gie interpellat ihallas ghal xi okkupazjoni.

Din il-kawza giet komplikata inutilment, mill-impostazzjoni li tawha l-atturi – principlament – u l-konvenut principali u l-kjamat in kawza ma' kkontribwewx biex jissimplifikaw.

L-atturi flimkien ma' l-awtur taghhom – ikkoncedew lill-konvenut il-fond 15, The Strand, Kalkara, bl-utili dominju temporanju ghal sbatax-il sena mid-9 ta' Jannar 1967, kontra cens ta' hamsin lira (LM 50) fis-sena li jithallsu trimestralment bil-quddiem minn dakinhar.

Il-konvenut telaq mill-fond fl-1979 u meta skada c-cens – fid-9 ta' Jannar 1984, il-fond kien okkupat – bhala r-residenza ordinarja tieghu – mill-kjamat in kawza u iben il-konvenut, it-Tabib Charles Savona Ventura.

Bis-sahha ta' l-artikolu 10B tal-Ordinanza li Tnehhi il-Kontroll tad-Djar, il-kjamat in kawza sar awtomatikament l-inkwilin tal-fond in kwistjoni, u "ex lege" ukoll a bazi bl-iskeda li hemm fl-istess ligi, il-kera tal-fond irdoppja – u sar mitt lira (LM 100) fis-sena, billi, ghalkemm ir-rata ta' inflazzjoni bejn l-1967 u l-1984 aktar minn irduppjat – il-kerha ma' tistax ssir oltre d-doppju tac-cens.

Billi d-diversi ordnijiet ta' rekwisizzjoni qatt ma' waslu ghar-rikonoxximent volontarju jew furzat tal-kjamat in kawza, id-drittijiet ta' dan kienu jidderivaw mill-artikolu 10B ta' l-Ordinanza imsemmija, kif intqal, u mhux xort'ohra.

Ghalhekk, ghaz-zmien mid-9 ta' Jannar 1984 sad-9 ta' Ottubru 1987 il-kjamat in kawza huwa responsabbli li jhallas il-kera tal-fond bir-rata ta' mitt lira (LM 100) fis-sena – cioe hmistax (15) l-iskadenza ta' tlett xhur-il wahda – cioe' tlett mija u hamsa u sebghin lira (LM 375). Ic-cwievet tal-fond inghataw lis-Segretarju tad-Djar fit-18 ta' Settembru 1987 u ghalhekk fid-dekorrenza tat-trimestru mid-9 ta' Lulju sad-9 ta' Ottubru 1987. Il-kjamat in kawza jista' – *si et quantenus* – ghal perjodu mit-18 ta' Settembru sad-9 ta' Ottubru 1987 – jitlob rifuzjoni minghand is-Segretarju tad-Djar, waqt li l-atturi jridu jinterpellaw lill-istess Segretarju mid-9 ta' Ottubru 1987 il-quddiem.

Id-depoziti li saru, in kwantu ma' kienux ghall-ammont dovut – imma anqas kienu skorretti u ghalhekk ma' jikkostitwiex pagamenti ghas-sodisfazzjoni tal-ligi. Hemm ammont li suppost li jigi aggustat ghal dak li thallas hazin mill-24 ta' Novembru 1983 sat-22 ta' Mejju

1984, imma billi dan, biex jigi stabbilit jrid isir perkors lura, oltre l-konfini tal-kawza, u fi kwalunkwe kaz jirrizulta ammont zghir, il-Qorti se tghoddu bhala negligibbli.

Huwa minnu li l-kjamata in kawza f'dan il-kaz, giebet sostituzzjoni tal-konvenut, u dan se jkun rifless fil-kap ta' l-ispejjez; u l-Qorti qeghda tipprocedi ghall-kundanna tal-kjamat in kawza, ghaliex il-kawzali – kif ridotti - kienu diga jkopru l-eventwalita' li l-familjari tal-konvenut jkunu responsabbli ghall-kera u ghaliex il-kjamat in kawza ma' jiehu ebda vantagg billi jerga jissubixxi gudizzju iehor.

Ghalhekk il-Qorti tillikwida l-ammont dovu mill-kjamat in kawza lill-atturi fis-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira (LM 375), kif intqal, u tikkundanna lit-Tabib Dr Charles Savona Ventura li jhallas dan l-ammont lill-atturi.

L-ispejjez tal-kjamat in kawza jrid jhallashom huwa, flimkien ma' dawk tac-cedoli ta' depozitu, waqt li l-atturi jridu jissaportu l-ispejjez kollha l-ohra".

## Appelli

Minn din is-sentenza appellaw principalment il-kjamat fil-kawza, it-Tabib Charles Savona Ventura u incidentalment l-atturi appellati. Din il-Qorti tikkonsidra kull appell separatament.

## L-appell principali

L-aggravju principali tal-kjamat fil-kawza hu fis-sens illi mill-provi prodotti u minn interpretazzjoni korretta ta' l-art. 10B (1) ta' l-Ordinanza XIX ta' l-1959, l-ewwel Qorti kien messha laqghet l-ewwel eccezzjoni minnu

sollevata u cioe' dik ta' l-inkompetenza taghha ratione valoris. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kienet waslet ghall-figura ta' Lm375 peress li argumentat li l-appellant, bis-sahha ta' l-artikolu precitat, meta skada c-cens, "sar awtomatikament l-inkwilin tal-fond in kwistjoni, u ex lege wkoll, a bazi ta' l-iskeda li hemm fl-istess ligi, il-kera tal-fond irdoppja u sar Lm100 fis-sena............". L-appellant ma jaqbilx ma' din it-tezi peress li ma kienx minnu li f'xi zmien huwa seta' jigi konsidrat bhala inkwilin tal-fond in kwistjoni.

Kif jirrizulta mill-koncessjoni enfitewtika, ic-censwalist kien missier l-appellant u cioe' l-konvenut Michael Savona. Jirrizulta wkoll li dan kien telaq mill-fond fis-sens 1979 u fih baqa' joqghod l-appellant. Kwindi meta skada c-cens fis-sena 1984 l-appellant kien gie effettivament bla ebda titolu propju ghaliex ma seghax jikkwalifika bhala inkwilin taht id-definizzjoni ta' l-art. 2 tal-Housing (Decontrol) Ordinance, 1959, kif emendata bl-Att XXIII tas-1979. L-appellant jargumenta li bis-sahha ta' dik l-emenda hu kien jikkwalifika biss bhala inkwilin kieku, bhala ibnu, (1) ma kienx mizzewweg u (2) kien jirrisjedi ma' missieru sa mewtu. Fil-kaz odjern jirrizulta mill-provi li l-appellant kien mizzewweg u li missieru kien ghadu mimli bil-ghomor.

Minn din il-premessa l-appellant jargumenta li konsegwentement il-hlas ghall-okkupazzjoni li kienu qed jippretendu l-atturi ma setghax jinhadem billi jigi rduppjat ic-cens li bih kien gie koncess il-fond, izda in linja ta' massima seta' biss tigi kalkolata a bazi ta' l-ammont ta' Lm50 fis-sena, u cioe' d-dhul li l-atturi kienu jippercepixxu fis-sena precedenti ghal meta bdiet l-okkupazzjoni tal-fond bla titolu da parti ta' l-appellant. Fuq din il-bazi hu jikkalkola li l-ammont ta' danni kellhom ikunu limitati ghal LM184.66c, u cioe' ghal tlett snin u mitejn u tlieta u hamsin gurnata ta' okkupazzjoni bla titolu da parti tieghu.

Dan l-aggravju hu manifestament bla bazi u din il-Qorti ma tistax tifhem ir-ragunament guridiku li fuqu hu bazat konsidrati t-termini ta' l-azzjoni kif proposta. L-appellant jittanta jsib konfort fil-provvediment ta' l-art. 750 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregola kif jigi determinat il-valur tal-jedd temporanju ghall-hlasijiet ta' cnus, renti etc. Dan l-artikolu jipprovdi li l-valur tal-jedd temporanju ghal renti jew hlasijiet ohra ta' kull sena jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal billi renta ta' kull sena tigi kalkolata meta ma tistax tigi determinata xort'ohra fuq ir-renta tas-sena ta' qabel. Artikolu dan ghal kollox irrilevanti ghall-mertu taht ezami propju ghaliex l-istess appellant qieghed *ex admissis* jiddikjara u jafferma li hu qatt ma kien inkwilin tal-fond proprjeta' ta' l-atturi, u konsgwentement, l-ebda kera ma qatt kienet minnu dovuta

lilhom. Hu jaccetta bhala fatt illi ghaz-zmien kollu taht ezami kien qieghed jokkupa l-fond bla ebda titolu validu fil-ligi. Infatti l-azzjoni kif proposta mill-atturi hi propju talba ghall-hlas ta' kumpens dovut ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni li, wara li kienet skadiet il-koncessjoni enfitewtika favur Michael Savona, konvenut f'din il-kawza u missier il-kjamat fil-kawza, baqa' jigi okkupat mill-familjari tieghu, fosthom allura l-kjamat fil-kawza, minghajr ebda titolu. Premessa din li giet ampjament provata u anzi ammessa mill-appellant.

Konsegwentement, filwaqt li l-aggravju ta' l-appellant seta' jaghmel sens li kieku kien gie avanzat minn missieru filwaqt li dan kien ghadu qieghed jokkupa l-fond de quo wara li skadiet il-koncessjoni enfitewtika, certament ma setghax javanzah l-appellant li fuq il-fond ma seta' jivvanta l-ebda titolu, u certament mhux it-titolu ta' kera naxxenti *ex lege* bis-sahha ta' l-art. 10B (1) ta' l-Ordinanza XIX ta' l-1959. Konsegwentement, l-azzjoni proposta inkwantu din tolqot lill-kjamat fil-kawza, hi wahda intrinsikament u esklusivament ta' hlas ta' danni ghall-okkupazzjoni abuziva. Danni li necessarjament il-Qorti kellha tillikwidahom fl-ammont illi sal-minimu kellu jkun dak li persuna li tkun qed tokkupa l-fond *de quo* b'titolu kien ikollha, skond il-ligi, thallas ghal tali okkupazzjoni lis-sid. Kienet allura gusta t-talba ta' l-atturi fl-ittra ufficjali interpellatorja tat-18 ta' Frar, 1988 biex il-konvenut ihallas kumpens dovut ghall-okkupazzjoni minn meta spicca c-cens sa' l-

izgumbrament bir-rata ta' Lm100 fis-sena, u cioe' id-doppju tac-cens originali. Il-kjamat fil-kawza kien ghal kull fini u effett tal-ligi konsidrat hala konvenut, u kienu allura japplikaw fil-konfront tieghu l-istess talbiet proposti kontra l-konvenut kif bazati fuq il-kawzalijiet premessi ghalihom. Din il-Qorti allura ma ssib xejn x'ticcensura fl-argumentazzjoni ta' l-ewwel Qorti li wasslet ghal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut f'danni ghall-okkupazzjoni u l-aggravju f'dan ir-rigward qed jigi michud.

L-appellant jissottometti wkoll bla pregudizzju ghal dan l-ewwel aggravju li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li d-depoziti maghmula minnu fir-registru ta' dawn il-qrati kienu skorretti ma kienetx sostenibbli in vista tas-sottomissjoni tieghu li l-ammont ta' danni ghall-okkupazzjoni ma kellux jeccedi l-valur tac-cens pagabbli, skond il-koncessjoni enfitewtika. Sottomissjoni din li giet appena skartata bhala insostenibbli. Dan l-aggravju ma jistax allura jigi sostnut.

Kif ma jistax ukoll jigi sostnut l-ahhar aggravju ta' l-appellant illi hu kien gie kundannat ihallas l-ispejjez tieghu tal-kawza meta qatt ma kien gie interpellat bonarjament biex ihallas ghall-okkupazzjoni tieghu. Aggravju dan li din il-Qorti ma tifhimx, una volta hu stess qed jiddikjara bl-aktar mod apert li kien qieghed jokkupa l-fond bla ebda titolu validu fil-ligi u li kien konxju ta' tali okkupazzjoni abuziva. Il-Qorti ma tifhimx kif min ikun hekk

jagixxi jista' jippretendi li jircievi l-gentilezza ta' interpellazzjoni gudizzjarja u mhux ikun assoggettat ghas-sorpriza ta' azzjoni gudizzjarja tempestiva. L-appell tal-kjamat fil-kawza qed jigi ghalhekk rigettat.

**Appell incidentali**

L-atturi appellaw incidentalment b'diversi aggravji li din il-Qorti sejra tikkonsidra. Huma nfatti kkontestaw il-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti u jsostnu li dawn kellhom ikunu fl-ammont globali ta' Lm1073 pagabbli kwantu ghal Lm840 mill-appellant u cioe' lill-kjamat fil-kawza, u kwantu ghal Lm233 mill-konvenut. Huma jibbazaw din il-pretensjoni fuq l-istima li ghamel il-Perit gudizzjarju l-Arkitett u Inginier Civili Frederick Doublet li stabilixxi r-rata ta' Lm280 fis-sena bhala kera tal-fond de quo konsidrat bhala fond kummercjali. Dan l-aggravju, li hu dak principali fir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi, hu kjarament insostenibbli. Il-Qorti tikkonsidra infatti:-

a) l-azzjoni kollha li hi mpustata fuq danni sofferti ghall-okkupazzjoni ta' fond li baqa' jigi okkupat mill-konvenut, allura censwalist, liema danni gew mill-istess atturi kwalifikati fil-premessa ghat-talbiet taghhom fl-att tac-citazzjoni bhala dak li kien dovut "f'kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni minn meta skada c-cens sa kemm sar l-izgumbrament mid-

Dipartiment tad-Djar bir-rata ta' Lm100 fis-sena, ossia d-doppju tac-cens originali a tenur ta' l-artikolu 10B (1) ta' l-Ordinanza XIX ta' l-1959". L-istess atturi allura iddefinew kif kellu jigi kalkolat l-ammont ta' danni ghall-okkupazzjoni. Li kien incert, u li kellu jigi likwidat u determinat mill-ewwel Qorti, huwa z-zmien ta' kemm damet din l-okkupazzjoni abuziva. Dan kien naturalment element essenzjali biex jigi finalment determinat il-quantum tad-danni.

L-ewwel Qorti kienet ghalhekk marbuta li tikkonsidra t-talba fid-dawl tal-premessi ghaliha ghax kienu dawn il-premessi li kienu jarginaw il-parametri taghha. Il-pretensjoni ta' l-atturi li huma setghu jiskostaw ruhhom mit-termini ta' l-azzjoni minnhom stess proposta ma kienet xejn hlief stedina lill-Qorti biex tiddeciedi *ultra petita*. Stedina li l-ewwel Qorti gustament u korrettement irresistiet.

b) Dan apparti, hu wkoll stabbilit mill-provi li d-destinazzjoni tal-fond, kemm meta dan kien fil-pussess tal-konvenut bhala enfitewta, kif ukoll meta dan kien qed jigi okkupat mill-kjamat fil-kawza abuzivament, indubbjament kienet ghal skop ta' residenza u fl-ebda hin ma jirrizulta li kien indikat ghall-uzu bhala fond kummercjali. Infatti l-premessa principali ta' l-atturi li fuqha sostnew id-dritt taghhom ghaz-zieda fil-hlas tal-kumpens awmentat ghad-doppju tac-cens li kien jithallas, kienet propju ispirata u

bazata fuq l-element ta' residenza ta' fond protett li ghalih kienet tapplika l-ordinanza XIX ta' l-1959. Ma jistghux allura fl-istess nifs l-atturi jippretendu li kellhom dritt jawmentaw il-kera u allura d-danni ghall-okkupazzjoni abuziva taht dik l-Ordinanza, u fl-istess waqt jippretendu li l-fond kellu destinazzjoni kummercjali. Japplika l-principju *selecta una via non datur recursum ad alteram*.

c) Aggravju iehor ta' l-atturi fl-appell incidentali huwa li l-ewwel Qorti, minghajr ma laqghet l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenut, u minghajr ma lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, wahhlet lill-atturi appellati l-ispejjez kollha tal-kawza, hlief dawk tal-kjamat fil-kawza u tac-cedoli ta' depozitu minnu maghmula. L-atturi jsostnu li l-provi kienu juru bic-car li huma kienu jafu li kellhom relazzjoni kontrattwali biss mal-konvenut li, bhala enfitewta, kien obbliga ruhu li meta tispicca l-koncessjoni jirrilaxxja u jaghti lura l-fond lid-direttarji. Il-provi wkoll juru li l-konvenut kien injora l-obbligu kontrattwali u ghamel b'mod illi waqt li hu ghazel li jitlaq mill-fond qabel ma skada t-terminu tal-koncessjoni enfitewtika, ippermetta lill-familjari tieghu, fosthom lill-kjamat fil-kawza, li jokkupawh mhux biss sal-mument meta skada c-cens, imma wkoll wara. Din il-Qorti ssib li dan l-aggravju hu gustifikat. Infatti l-konvenut ma jistax jahrab mill-obbligu li kellu li jirrestitwixxi l-fond lilu koncess in enfitewsi, meta z-zmien taghha jiskadi.

Il-kaz taht ezami mhux wiehed fejn il-kjamat fil-kawza seta' jivvanta xi dritt bil-ligi li jokkupa l-fond gia koncess lill-konvenut in enfitewsi jew li beda jokkupah forzatament u kontra l-volonta' tal-konvenut enfitewta. Il-Qorti allura ma tistax ma tikkonsidrax lill-konvenut ko-responsabbli mal-kjamat fil-kawza ghall-fatti li fl-gheluq tal-koncessjoni enfitewtika l-atturi qua direttarji gew imcahhda mid-dritt li jirriprendu l-pussess tal-fond taghhom u dana abuzivament. Kien allura gust li l-konvenut ibati l-ispejjez tieghu tal-kawza.

Jibqa' pero' ostakolu iehor f'dan ir-rigward. L-eccezzjoni sollevata fir-risposta ta' l-istess konvenut ghar-rikors ta' l-appell illi "l-appell incidentali fil-konfront tal-konvenut huwa irritu u null ukoll stante li l-istess konvenut qatt ma interpona xi appell mis-sentenza in kwistjoni". Din l-eccezzjoni hi regolata bl-artikolu 240 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan jipprovdi illi kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, u tista' mhux biss taghmel appell incidentali dwar is-sentenza definittiva, izda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap taghha moghtija fl-istess kawza, <u>ukoll jekk ma jsirx appell minnhom, minn min jappella</u>. Dak l-appell incidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx wahda li kontra taghha jkun sar l-appell skond is-subartiklu (1) ta' l-art. 144. Dan is-subinciz jipprovdi li appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-ohra kollha jew

kull wiehed minnhom. L-appell ghandu jigi notifikat lill-partijiet kollha, izda l-partijiet biss, li kontra taghhom isir l-appell, ghandhom zmien biex jipprezentaw it-twegiba. Fil-kaz taht ezami l-appell principali hu tal-kjamat fil-kawza u hu dirett kontra l-atturi li favur taghhom iddecidiet is-sentenza appellata. L-atturi ma appellawx b'mod principali mis-sentenza inkwantu din lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, u nkwantu din akkollat l-ispejjez gudizzjarji fuqu.

Min-naha tieghu l-konvenut, kif mistenni, accetta s-sentenza appellata kif inhi u ma kien bl-ebda mod interessat fl-ezitu ta' l-appell sakemm gie involut mill-atturi bl-appell incidentali taghhom. L-atturi nqdew bl-appell li ghamel <u>il-kjamat fil-kawza</u> mis-sentenza finali ta' l-ewwel Qorti. Minhabba f'hekk il-konvenut qed jeccepixxi l-irritwalita' ta' l-appell incidentali fil-konfront tieghu. Pero' is-subicniz (1) ta' l-art. 240 jipprovdi li l-appell incidentali jista' jsir ukoll "kontra u minn kull parti li ma tkunx wahda li kontra taghha jkun sar l-appell skond is-subartiklu 1 ta' l-art. 144". Issa l-konvenut jidher li hu parti f'kawza li kontra taghha ma sarx l-appell originali tal-kjamat fil-kawza inkwantu, kif inghad, dan kien dirett biss kontra l-atturi. Pero' l-ligi tipprovdi li hu permess ghall-atturi li jintavolaw l-appell incidentali li jindirizzaw tali appell, mhux biss kontra min ikun intavola l-appell principali, imma kontra kull parti, ukoll jekk ma tkunx wahda li kontra taghha ikun sar l-appell principali, f'dan il-kaz l-atturi. Din l-eccezzjoni ma

tirrizultax allura sostnuta. L-appell incidentali qed jigi milqugh biss fir-rigward ta' l-aggravju fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appelli kif gej:-

1. Tichad l-appell principali tal-kjamat fil-kawza bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Tichad l-appell incidentali ta' l-atturi inkwantu dirett kontra l-kjamati fil-kawza, bl-ispejjez kontra taghhom;

3. Tilqa' l-appell incidentali inkwantu dirett kontra l-konvenut limitatament ghall-kap ta' l-ispejjez, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha nkwantu ddecidiet li dawn l-ispejjez (apparti dawk ta' cedola ta' depozitu) kellhom ihallsuhom l-atturi, u invece tiddeciedi li dawn l-istess spejjez kellhom ikunu a karigu tal-konvenut appellat;

4. Ghall-bqija s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg

mm